MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru 83/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Roderick Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 155680m, akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta’Dicembru 2004 gewwa l-Imqabba f’xi hin wara nofs in-nhar waqt li kien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ Lm100 (232.94 euro) fi flus kontanti u curkett tad-deheb valur mhux maghruf mill-fond 102, Triq Santa Katerina, Mqabba, ghad-dannu ta’ Paul Debattista mill-Mqabba u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-loku valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2329.37 euro;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-bieb tal-imsemmi fond, liema hsara teccedi 11.65 euro izda ma teccedix 116.47 euro u dan sar ghad-dannu ta’ l-imsemmi Paul Debattista u/jew persuni ohra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Smghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatt tas-serqa jinsab pjenament pruvat.

Dak li jonqos li jigi pruvat hu kwindi jekk kienx l-imputat l-persuna li seraq jew li ppartecipa attivament fis-serqa. L-imputat qieghed hawnhekk jigi akkuzat bhala awtur indipendentement jekk is-serqa giet maghmula flimkien ma’ terzi ohra.

Issa, l-unika prova kontra l-imputat hi dik ta’ komplici, guvni, li fiz-zmien li twettqet kellhu appena xi erbghatax il-sena. Jirrisulta li l-kawza ta’ dan il-komplici tinsab deciza. Ghalhekk, huwa l-Artikolu 638 tal-Kap 9 li ghandu jirregola. Dan l-artikolu jghid li x-xhieda ta’ xhud wiehed, jekk emmnuta, hija bizzejjed biex taghmel prova. Kif tinsab emendata l-ligi sa mill-2006 ix-xhieda ta’ komplici m’hemmx il-htiega li tigi korroborata.

Stante li l-Qorti ma ssib ebda raguni valida ghalfejn ma taghtix kredibilita lil din ix-xhieda, anka fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat li fiha ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda, l-Qorti qeghda tiddecidi li l-imputazzjoni rigwardanti s-serqa fil-konfront tal-imputat tinsab pruvata fit-termini tal-imputazzjoni ghal dak li huwa l-ammont misruq ta’ Lm100 ekwivalenti ghal 232.94 euro u curkett ta’ valur indeterminat. Konsegwentement tinsab ukoll pruvata l-imputazzjoni l-ohra, bhala mezz ghal fini, fil-konfront tal-hsara volontarja li ai temini taghha hija bejn 11.65 euro u 116.47 euro.

In vista ta’ dan issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Rat l-Artikolu 264, 267, 269(g), 278, 279(a) tal-Kap 9. Ikkonsidrat l-fedina penali tal-imputat, it-tul taz-zmien li ghadda mis-serqa u wkoll li ma jirrisultax li minn dak iz-zmien l-imputat ghamel xi reat iehor. Tiddecidi li tikkundannah disa xhur prigunerija li ser tissospendihom ghal sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------